MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

25 ta' Marzu 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.29pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina offra t-talb għall-mara tal-eks Viċi-Sindku Marco Spiteri.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

70.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 69 ġew approvati.

## 70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

70.3.1 Nominazzjoni MARA

Inqrat imejl mingħand Rita Maniscalco (annessa). Is-Sur Cordina qal li ma kellux obbigu jitkellem fuq il-persuni nominati u hu minnu li n-nomina irċeviha hu imma ma kienx ikun ġust kieku ġie biha quddiemhom, jinfluwenzahom u jippreġudika l-vot tagħhom. Qal li hekk kulħadd kien liberu jivvota kif irid hu. Hu qal li din l-imejl hi biss għar-rekord tagħhom, li l-kandidati kollha kienu validi u bħal ma jiġri f'ġieħ Ħ'Attard ikun hemm min jirbaħ u min le.

70.3.2 *Uffiċċini Ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li tkompla x-xogħol fuq il-lift u li tkellmu wkoll mal-Avukat sabiex isibu soluzzjoni fuq it-terminazzjoni għax għalkemm saru xi xogħolijiet il-kuntrattur FES Projects Limited għadu mdendel. Qal li hemm il-multi, is-sekwestru li għandu minn kumpanija oħra u jridu jaraw kif ħa jipproċedu biex jitterminawlu. Inħarġu kwotazzjonijiet online u saħansitra ġie ordnat l-aluminju, pero' għad hemm xi xogħolijiet li mhumiex terminati u l-Kunsill ħa jkollu jeħel flus extra biex dawn jiġu terminati. Is-Sur John Bonnici saqsa jekk filwaqt li għadhom bil-kwistjonijiet pendenti mal-kuntrattur jistgħux xorta jlestu u jidħlu fl-Uffiċċini. Is-Sur Cordina qal li hemm estensjoni sa Gunju sabiex joħorġu mill-Uffiċċini preżenti u allura għad hemm ċans li jlestu. Is-Sur Bonnici qal li lil dan il-bniedem ma javdahx għax xorta jista' jagħmel ħsara lill-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li hu ma jaqbillux ikollu sekwestru ieħor u ma jistax jidħol fuq il-post għax dan jinsab imsakkar.

70.3.3 *Fondi tar-Reġjun Kultura*

Is-Sur Cordina qal li r-Reġjun ħareġ skema ta' €20,000 u qed jipproponi li jinqasmu hekk:
Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ Attività Mejju 2024 €8,200
Socjetà Mużikali La Stella Levantina €1,000

Cirkolu Santa Marija €1,000
Youth Reach €500
Girl Guides €500
Scouts €500
Wirja Life Size tal-Għid €500
Publicity ta' Ġnien l-Istazzjoni €7,800

L-Avukat Caruana saqsiet għall-attivita' iffjurit hux l-organiżżatur hux ħa jingħata l-istess flus bħas-sena l-oħra. Is-Sur Cordina qal li speċi iva għax għalkemm kien hemm żewġ skemi is-sena l-oħra, din is-sena m'hemmx imma xorta qisu l-istess ħa jingħata. Is-Sur Alex Mangion qal li din l-għajnuna qed tingħata lil għaqdiet allura ma jarax għalfejn għandu jkollu oġġezzjoni.

Kulħadd qabel

70.3.4 *Inawgurazzjoni Ġnien l-Istazzjon*

Is-Sur Cordina qal li kien hemm xi żvilupp dwar l-inawgurazzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon. Ġiet suġġerita d-data tas-16 ta' April 2024 fis-2pm. Ħa jattendu l-Ministru Clint Camilleri, l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli u aktarx jattendi wkoll il-Ministru Chris Fearne. Is-Sur Bonnici ilmenta ftit għax se ssir fost il-ġimgħa. Is-Sur Cordina qal li fil-fatt dik għaddietlu minn moħħu u għalhekk issuġġerixxa li ssir attività separata s-Sibt filgħaxija fejn jiġi mistieden il-pubbliku wkoll. Kulħadd qabel.

L-Avukat Brincat issuġġerixxa li tiġi mistiedna l-President ta' Malta l-ġdida. Is-Sur Cordina qal li se jsaqsi jekk tmurx bħalha protocol u fil-każ jara jekk tistax tiġi mistiedna għas-Sibt.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk hux se tingħalaq it-triq tal-iskola bis-Sur Cordina jwieġeb li l-attività se ssir ġo Triq Sant'Anton u għalhekk mhu se jiġi affettwat xejn.

## 70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

70.4.1 Victor Galea

- Saqsa fuq ix-xogħol ta' Triq Victor Vassallo. Is-Sur Cordina qal li l-pjanti lesti imma hemm xi olterazzjonijiet u l-Perit tal-Kunsill kellu jibgħat l-aħħar dokumentazzjoni.

70.4.2 Remigio Bartolo

- Jum Ħ'Attard - Hu qali li ħarġu n-nominazzjonijiet u jgħalqu fl-1 ta' April. Issuġġerixxa li l-Kunsilliera li jekk għandhom lil xi ħadd moħħhom jippruvaw javviċinawhom ħalli jkun hemm bizzejjed nominazzjonijiet. Hu kompla jgħid li se ssir attivita' ta' tħawwil ta' siġar possibilment nhar is-Sibt, 13 ta' April.

Imbagħad il-Ħadd, 14 ta' April ikun hemm quddiesa filgħodu u serata b'kunċert filgħaxija.

Is-Sinjura Connie Scerri ħalliet temporanjament il-kamra.

Il-Perit Giorgio Mario Schembri daħal onlajn f'dan il-mument 5.54pm.

Is-Sur John Bonnici saqsa jekk il-Bord iltaqax? Is-Sur Cordina qal li l-Bord hu l-istess Bord approvat is-sena l-oħra. Min-naħa tiegħu is-Sur Bartolo qallu li m'hemmx nominazzjonijiet allura l-Bord se jiltaqa' wara li jagħlqu n-nominazzjonijiet. Issuġġerixxa wkoll li tiġi mistiedna l-President għal Jum Ħ'Attard.

- Gnien l-Istazzjon - Qal ukoll li għandu offerta minn Net TV permezz tal-programm Magħkom ta' Lea Hogg, programm kulturali, biex jagħtu *coverage* lil dan il-ġnien permezz ta' informazzjoni u ssir intervista mas-Sindku wkoll. Dan kollu qal is-Sindku jista' jsir wara li jiġi inawgurat.

70.4.3 Silvio Brincat

- Ġnien l-Istazzjon – Saqsa fuq l-impieġ tal-persuna biex tmexxi iċ-Ċentru peress li hu u l-Avukat Caruana kienu fuq dan il-Bord tal-għażla. Is-Sur Cordina qal li intagħżlet dik il-persuna li ġiet għall-*interview.*Is-Sinjura Mifsud Mintoff qalet li persuna waħda kien hemm, ex-*tour leader* li bħalha pożizzjoni tgħin ħafna f'dan ix-xogħol.
- BOV plc - saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi? Is-Sur Cordina qal li wara li ntefgħet ir-rappreżentazzjoni ma kienx hemm żviluppi.
- Farenheit - Qal li innota li qisu qed isir xi xogħol u nżerta trakkijiet ħerġin u deħlin mgħobbijin bil-materjal li jindika li qed isir xi xogħol fuq ġewwa. Is-Sur Cordina qal li fuq l-appikazzjoni ma kienx hemm żvilupp. Is-Sur Victor Galea qal li ġieli jkollhom it-trakkijiet għat-tiswija imma ovvjament ma jidhirx li dan hu il-każ.

## 70.5 Rapporti

### 70.5.1 Approvazzjoni ta' Rapport tar-Raba Kwart tas-Sena 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport hu identiku għall-estimi finanzjarji preżentati fl-aħħar laqgħa. Qalet li l-ispjega hi l-istess bħal dik tax-xahar li għadda u l-ammonti wkoll ma nbidlux id-deficit €67312 u l-FSI -24%. Is-Sur Cordina qal li għad hemm flejjes li jridu jinġabru.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 70.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

70.6.1 RIŻOLUZZJONI 1

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi permezz tal-iskema SPI/SCI/05/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 sabiex tiġi finanzjata l-attivita' tal-Mixegħla tas-Siġra f'Diċembru 2024.

Il-Kunsill Lokali huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus minħabba li din l-iskema tkopri 85% tat-total tal-attivita'. Is-somma globali hi maħsuba li ser tkun ta' madwar €10,000 (85% - €8,500, 15% - €1,500).

Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo

70.6.2 RIŻOLUZZJONI 2

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi permezz tal-iskema SPI/SCI/02/2024 Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi sabiex jiġi finanzjat il-proġett tal-bini tal-bokka tal-lift kif ukoll il-lift innifsu ġewwa l-uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Victor Galea ħalla l-kamra 6.04pm

Il-Kunsill Lokali huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus minħabba li din l-iskema tkopri 85% tat-total tal-proġett. Is-somma globali hi maħsuba li se tkun madwar €40,550 (85% €34,467, 15% €6,082.50)

Is-Sindku saqsa hux qed jifhmu. L-Avukat Caruana saqsiet tistax issir l-applikazzjoni meta l-lift jinsab ordnat. Is-Sindku qal li iva u li anzi aħjar.

Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo

70.6.3 RIŻOLUZZJONI 3

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal ħaddiem klerikali fuq bażi part-time permezz tal-iskema SPI/SCI/6/2024 tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES).

Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali kif ukoll f'każ li jkun hemm bżonn li jinħadmu siegħat żejda oltre minn dawk li ser ikun hemm stabbiliti fil-kuntratt.

Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo

Is-Sur Victor Galea reġa' daħal lura f'dal mument 6.07pm

70.6.4 **Impiegi Ġodda**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandha żewġ proposti:

Waħda appuntu kienet dik li ġa issemmiet qabel li tiġi mpjegata Sharon Bajada li saritilha l-interview u reġgħet saqsiet jekk jaqblux. Kulħadd qabel.

It-tieni waħda kienet li is-Sur Arthur Caruana li jinfetaħ post vacanti bi skala 12 li jkun jista' jintela' internament mis-Sur Caruana, li jinsab impjegat fi skala 16 u li ilu mal-Kunsill 4 snin. Qalet li dawn l-iskali huma differenti minn dawk klerikali li huma fi skala 15, 13 u 11.

Is-Sur Victor Galea qal li fl-opinjoni tiegħu ikun idur ħafna ma' Ħ'Attard u li dan il-bniedem jaħdem ħafna u li ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Is-Sur Cordina qal li lanqas hu ma jsib oġġezzjoni għax dan il-bniedem saħansitra minn jeddu baqa' għaddej bil-ħdud b'kollox meta l-ħaddiema kienu għaddejjin *gas down* biex ilestu.

Il-Perit Schembri saqsa l-iskala 12 x'tiġi? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hi skala ta' Foreman. Kulħadd qabel maż-żewġ proposti.

70.6.5 **Tender Latrini Pubbliċi**

Is-Segretarju ressqet għall-approvazzjoni ir-rapport tal-evalwazzjoni tas-sejħa għat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li għalqet fit-23 ta' Frar 2024. Il-Bord tal-Evalwazzjoni kien magħmul minn Christopher Falzon, Remigio Bartolo u l-Avukat Helen Caruana. Bhalha offerti kien hemm ta':

Saviour Mifsud € 10,900
Christopher Bezzina € 10,900
Sandro Caruana €10,800
Christopher Bonello €9,950
Joseph Farrugia € 9,000

Din it-tender kienet BQPR u wara li s-sistema ħadmet il-prezz u ta' min isemmi wkoll qalet is-Segretarju li kollha kienu *in default* ta' 35%, minħabba li ħadd ma kellu l-agreement tal-ħaddiema, il-Bord irrakkomanda li din it-tender tingħata lil Joseph Farrugia. Kulħadd qabel.

Is-Sur Victor Galea qal li xtaq li ċertu ġranet il-latrini ta' ħdejn l-iskola ikunu manned, bħal festa ta' Santa Marija, elezzjoni imma skont is-Sur Cordina m'hemmx bżonn għalkemm jistgħu isaqsuh. Qal ukoll li ġieli ġie avviċinat u mistgħaġbin kemm ifaħħru l-lokalità tagħna dawl li jattendu postijiet fejn jinżammu attivitajiet sportivi.

## 70.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

70.7.1 Proponent: Giorgio Mario Schembri Sekondant: Remigio Bartolo

L-Avukat Caruana saqsiet fuq il-pagament ta' Joseph Tabone €20,000. Is-Sur Cordina qal li dan hu l-kuntrattur ta' Ġnien l-Istazzjon.

L-iskeda ġiet approvata.

## 70.8 Mozzjonijiet; u

70.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 70.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

70.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.24pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' April 2024 fis-5.30pm

Konfermati illum, 24 ta' April 2024.

IFFIRMATI
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATI
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv